WHITE PAPER

DWAR

# L-EMENDI PROPOSTI GĦALL-ATT TAL-2001 DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI

KAPITOLU 439 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA

MARZU 2014

# 1. INTRODUZZJONI

Il-ħarsien xieraq tal-annimali huwa kunċett fejn il-benesseri fiżiku u psikoloġiku tal-annimali jinżamm f'kundizzjoni tajba mill-gwardjani tagħhom. Hija r-responsabbiltà tal-bniedem li jiżgura l-ħarsien xieraq tal-annimali u din tista' tiġi valutata abbażi tas-saħħa, nutriment, sigurtà u l-abbiltà li jesprimu l-imġiba naturali tagħhom. Il-ħarsien xieraq tal-annimali jeħtieġ eżamijiet u trattamenti veterinarji, xelter adegwat, immaniġġar u qtil b'metodu uman jew ewtanasja.

Fl-aħħar għaxar snin il-ħarsien xieraq tal-annimali ġie mogħti prominenza sinifikanti, prinċipalment permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2001 dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta), tisħiħ tar-rwol ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jiddefendu l-ħarsien xieraq tal-annimali u b'mod ġenerali bil-promozzjoni għall-għarfien ta' kwistjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-annimali permezz ta' kampanji informattivi u disseminazzjoni tal-informazzjoni. Il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil tal-Klima, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, bdew jirrevedu l-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti li tikkonċerna l-ħarsien xieraq tal-annimali bl-iskop li jintroduċu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- stabbiliment tal-uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;
- tisħiħ tal-irwol tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- tisħiħ u kjarifika tal-funzjonijiet tad-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;
- stabbiliment tas-setgħat ta' infurzar tal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali;
- projbizzjoni tal-introduzzjoni u l-użu ta' annimali fiċ-ċirkli;
- żieda tal-pieni assoċjati ma' ksur tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali;

# 2. DISPOŻIZZJONIJIET PROPOSTI

## 2.1 ĦATRA TA' KUMMISSARJU GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI

B'konformità mal-impenn politiku tiegħu, il-Gvern qed jirrakkomanda l-ħatra ta' Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Dan huwa kkunsidrat bħala impenn sinifikanti mill-Gvern sabiex kwistjonijiet dwar il-ħarsien xieraq tal-annimali u oħrajn relatati magħhom jingħataw stat aktar għoli kif jixirqilhom. L-irwol tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali huwa stabbilit fl-artikolu 44A tal-emendi proposti u għandhom jinkludu l-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' kampanji edukattivi dwar il-protezzjoni tal-annimali, il-promozzjoni tal-konformità mal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, titjib tal-kooperazzjoni bejn entitajiet u persuni li jiddefendu l-ħarsien xieraq tal-annimali u l-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet li jolqtu l-ħarsien xieraq tal-annimali. L-emendi proposti se jagħtu wkoll is-setgħa lill-Kummissarju sabiex jirrevedi u jinvestiga l-ħidma tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u tad-Direttorati għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u tas-Servizzi Veterinarji. Il-konklużjoni ta' dawn l-investigazzjonijiet għandha fl-aħħar tirriżulta f'pubblikazzjoni ta' rapporti u rakkomandazzjonijiet.

## 2.2 TISĦIĦ TAR-RWOL TAL-KUNSILL GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI

B'konformità mal-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali[1], huwa kkunsidrat opportun li jiġu implimentati emendi leġiżlattivi bil-għan li jissaħħaħ l-irwol u l-funzjonijiet tal-Kunsill kif ukoll sabiex titjieb ir-rappreżentazzjoni minn firxa wiesgħa ta' setturi.

Fil-preżent, artikolu 4 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jipprovdi sabiex id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, jew fin-nuqqas tiegħu, l-aktar membru anzjan fil-Kunsill, għandu jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Kunsill. Bis-saħħa tal-emendi proposti fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, iċ-Chairman għandu jkun maħtur mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-ħarsien xieraq tal-annimali. L-iskop tal-ħatra taċ-Chairman hija li prinċipalment jassisti fl-iżvilupp tal-irwol strateġiku tal-Kunsill fis-soċjetà Maltija u jippromwovi dibattitu fi ħdan il-Kunsill.

Barra minn hekk il-Kunsill se jkollu żieda ta' membru addizzjonali li jirrappreżenta NGOs u gruppi tal-ħarsien xieraq tal-annimali. Għaldaqstant, il-kompożizzjoni kif proposta f'din il-White Paper se tkun magħmula minn tliet membri li jirrappreżentaw l-interessi tal-NGOs u ta' gruppi li jiddefendu d-drittijiet tal-annimali, bil-għan li tiżdied ir-rappreżentazzjoni u jittieħdu l-esperjenzi ta' individwi li jaħdmu id f'id fis-settur volontarju.

Minħabba li l-kompożizzjoni preżenti tidher li għandha nuqqas ta' rappreżentazzjoni ta' veterinarji li jaħdmu privat, u li fl-aħħar mill-aħħar għandhom rwol imprezzabbli fis-settur tat-trattament xieraq tal-annimali, il-Ministeru jirrakkomanda li l-leġiżlazzjoni proposta tipprovdi għal ħatra ta' veterinarju

1 Hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala l-"Kunsill".

b'esperjenza fil-prattika privata fuq annimali żgħar. Il-veterinarju jinħatar wara konsultazzjoni mal-korpi li jirrappreżentaw il-veterinarji fi prattika privata. Flimkien mal-membri ġodda msemmija qabel, il-Ministeru jikkunsidra wkoll li huwa essenzjali li d-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jkun maħtur bħala membru tal-Kunsill.

## 2.3 TISĦIĦ U KJARIFIKAZZJONI TAL-FUNZJONIJIET TAD-DIRETTUR GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI

Sabiex jisaħħaħ l-irwol regolatorju tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, l-emendi jipprovdu għal ċertu funzjonijiet u responsabbiltajiet li huma wkoll mogħtija lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

## 2.4 TISĦIĦ TAR-RWOL TAL-UFFIĊJALI GĦALL-ĦARSIEN XIERAQ TAL-ANNIMALI

Ir-rwol u l-operat tal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali huwa kkunsidrat kritiku sabiex jiżgura konformità mal-leġiżlazzjoni li tirregola l-ħarsien xieraq tal-annimali. Għaldaqstant l-obbligi li joħorġu mill-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali jitqiegħdu fil-prattika. Uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali jaġixxu bħala punti ta' kuntatt bejn il-pubbliku ġenerali u l-awtoritajiet, jiggwidaw lill-pubbliku u jiżguraw li tiġi mħarsa l-leġiżlazzjoni speċifika għall-ħarsien xieraq tal-annimali. Iżda mill-valutazzjoni li saret mill-Ministeru ġie nnutat li r-reġim legali preżenti mhux neċessarjament jindirizza l-awtoritajiet u s-setgħat meħtieġa sabiex dawn jinfurzaw il-liġi. L-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali għandu jkollhom il-mandat dovut sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet u l-awtorità neċessarja. Dan biex uffiċjal maħtur sabiex iħares it-trattament xieraq tal-annimali jkun jista' jaġixxi, speċjalment f'każi ta' salvataġġ.

F'dan ir-rigward, il-leġiżlazzjoni proposta tintroduċi Taqsima XIIIA ġdida fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali li tistabbilixxi s-setgħat ta' infurzar u tinkludi fost l-oħrajn id-dritt ta' aċċess u tfittxija, id-dritt għal konfiska tal-annimali f'każ ta' moħqrija, u d-dritt li jsiru spezzjonijiet u jittieħdu kampjuni.

## 2.5 L-UŻU TA' ANNIMALI FIĊ-ĊIRKLI

### LEĠIŻLAZZJONI MALTIJA EŻISTENTI RIGWARD IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI LI TIRREGOLA L-ANNIMALI FIĊ-ĊIRKLI

L-Att tal-2001 dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta huwa l-leġiżlazzjoni prinċipali li tirregola l-użu ta' annimali selvaġġi f'ċirkli permanenti jew f'dawk li jżuru Malta. L-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali huwa ġeneriku u japplika għal kull speċi ta' annimal kif definit fl-artikolu 2 tal-istess Att. Aspetti partikolari dwar il-ħarsien xieraq tal-annimali ġew indirizzati f'sittax-il regolament promulgati taħt l-Att prinċipali. L-imsemmija regolamenti jiffokaw *inter alia* fuq it-trasport, il-qtil, u l-protezzjoni tal-annimali u ż-żamma ta' annimali selvaġġi fi stabbilimenti żooloġiċi. Madanakollu, għalkemm il-ħarsien u l-użu tal-annimali fiċ-ċirkli mhumiex speċifikament indirizzati fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali minħabba n-natura ġenerika tiegħu, dawn xorta waħda jaqgħu fl-ambitu tar-reġim legali preżenti. L-għan tal-leġiżlazzjoni

proposta se jkun li tissupplimenta u, fejn meħtieġ, tindirizza l-ħarsien xieraq tal-annimali użati jew maħsuba sabiex jiġu użati f'ċirkli.

## REATI U PIENI TAĦT IR-REĠIM LEGALI PREŻENTI

Id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar reati u pieni fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jipprevedu multa massima ta' mhux aktar minn tletin elf ewro (€30,000) u/jew terminu ta' priġunerija għal perijodi ta' mhux aktar minn sena għal min jinstab ħati għall-ewwel darba ta' moħrija jew trattament mhux xieraq tal-annimali. Min jinstab ħati għat-tieni jew aktar drabi taħt l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jista' jeħel multa ta' mhux inqas minn erbat elef ewro (€4,000) iżda mhux aktar minn ħamsin elf ewro (€50,000) u/jew terminu ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sena.

## REGOLAZZJONI TA' ĊIRKLI FIL-GŻEJJER MALTIN

Ġeneralment, ċirkli li jżuru l-Gżejjer Maltin ikunu fuq rotta mill-kontinent Ewropew, partikolarment mill-Italja. Ċirkli li jużaw annimali fi spettakli u esibizzjonijiet ikunu jeħtieġu permess maħruġ mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji sabiex jitħalla l-moviment ta' annimali fil-Gżejjer Maltin u jitwettqu spezzjonijiet fl-inqas żmien raġonevolment possibbli mal-wasla tal-annimali taċ-ċirku f'Malta jew f'Għawdex. Uffiċjali tas-Servizzi Veterinarji huma responsabbli wkoll mill-eżaminazzjoni ta' ċertifikati relevanti li jikkonfermaw *inter alia* li l-annimali taċ-ċirkli huma f'kundizzjoni ta' saħħa tajba. Spezzjonijiet addizzjonali u regolari jitwettqu mill-uffiċjali tad-Dipartimenti tas-Servizzi Veterinarji u tat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Dawn l-imsemmija spezzjonijiet jinkludu żjarat fis-siti fejn ikun twaqqaf ċirku jew fil-post fejn l-annimali taċ-ċirku jkunu miżmuma.

Operaturi jew promoturi taċ-ċirkli huma meħtieġa wkoll li japplikaw għal permessi neċessarji mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kunsill lokali, sabiex jippermettu t-twaqqif u l-operat taċ-ċirku minn belt jew raħal partikolari f'Malta jew Għawdex.

## DISPOŻIZZJONIJIET PROPOSTI

Fid-dawl tal-possibilità ta' opinjonijiet differenti, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ħass li huwa xieraq li jniedi proċess konsultattiv dwar il-projbizzjoni proposta dwar l-użu tal-annimali fiċ-ċirkli. Il-pubbliku in ġenerali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet interessati, inkluż promoturi taċ-ċirkli, kienu mistiedna sabiex jipparteċipaw fi proċess konsultattiv ta' ġimgħatejn li beda fit-8 ta' Lulju, 2013. Bħala parti mill-proċess konsultattiv, is-Segreterjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ppubblika Formola għall-Konsultazzjoni li fiha tqiegħdu numru ta' mistoqsijiet u l-parteċipanti ngħataw spazju sabiex jgħaddu l-kummenti dwar is-suġġett. Il-Formola għall-Konsultazzjoni saret aċċessibbli wkoll online u nħoloq indirizz elettroniku *ad hoc* sabiex jiffaċilita s-sottomissjonijiet tal-formoli u l-kummenti. Saru numru ta' laqgħat mal-partijiet interessati, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u promoturi taċ-ċirkli lokali sabiex jiddiskutu numru ta' kwistjonijiet relatati mal-użu tal-annimali fiċ-ċirkli u l-effetti ta' proposta għall-projbizzjoni tal-ispeċi kollha tal-annimali.

Mir-rispons li ntbagħat mill-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali rriżulta li l-maġġoranza huma favur il-projbizzjoni tal-użu ta' annimali selvaġġi fiċ-ċirkli, u pproponew ukoll li tali projbizzjoni

għandha tkopri kull speċi ta' annimal (kemm selvaġġ kif ukoll iddomestikat). Dawk li esprimew ruħhom favur l-użu ta' annimali selvaġġi ma qablux mal-introduzzjoni ta' projbizzjoni u argumentaw li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ u l-viġilanza tal-awtoritajiet lokali tal-infurzar jassiguraw konformità mal-istandards neċessarji għall-ħarsien xieraq tal-annimali li jintużaw f'ċirkli li jżuru Malta.

Mill-proċess ta' konsultazzjoni ħareġ ċar li hemm appoġġ qawwi għall-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-użu tal-annimali f'ċirkli ta' divertiment li jivjaġġaw jew li jitwaqqfu f'Malta. Fid-dawl tat-tweġibiet, il-Gvern qed jipproponi l-introduzzjoni tal-projbizzjoni tal-użu ta' kull speċi ta' annimal fiċ-ċirkli, kemm jekk ċirku qed jivjaġġa kif ukoll jekk huwa stabbilit permanenti f'Malta.

Il-projbizzjoni tal-użu ta' kull speċi ta' annimal, kemm selvaġġ kif ukoll iddomestikat, hija proposta li tiġi introdotta bis-saħħa taż-żieda ta' Taqsima XIA msejjħa 'Ċirkli' fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali li għandha tintroduċi projbizzjoni tal-użu ta' annimali fiċ-ċirkli. Id-dispożizzjonijiet proposti se joħolqu wkoll restrizzjoni dwar il-promozzjoni u r-reklamar ta' ċirkli f'Malta. Barra minn hekk, bid-dispożizzjonijiet il-ġodda li se jiġu inkorporati fl-Att prinċipali, ksur tal-projbizzjoni se jkun meqjus bħala reat soġġett għal multa u għal konfiska tal-annimali użati jew maħsub li jintużaw f'ċirkli.

## 2.6. PIENI

Kif enfasizzat aktar 'il fuq, il-piena massima fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali hija ta' tletin elf ewro (€30,000) għal min jinstab ħati għall-ewwel darba ta' moħqrija jew trattament mhux xieraq tal-annimali, filwaqt li multa massima ta' ħamsin elf ewro (€50,000) tista' tkun imposta għal min jinstab ħati għat-tieni darba. Fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali preżenti, l-artikolu 45 jipprovdi għal terminu massimu ta' priġunerija ta' sena.

Din il-White Paper qed tipproponi żieda fil-penali u perijodi ta' priġunerija preżenti kif provduti fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali sabiex ikun hemm deterrent sinifikanti. Il-livell ta' ħsara, moħqrija u gravità tar-reat għandhom ikunu l-fatturi prinċipali fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa u/jew termini ta' priġunerija. Dan l-approċċ jidher li għandu l-appoġġ tal-pubbliku ġenerali u jagħti aktar importanza lit-trattament xieraq tal-annimali fis-soċjeta u l-kultura Maltija.

Għaldaqstant qed jiġi rrakkomandat li mal-ewwel kundanna ta' ħtija, il-multa għandha tkun bejn elf ewro (€1,000) u ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) u/jew terminu ta' priġunerija għal perijodu ta' tliet snin. Meta persuna tinstab ħatja għat-tieni darba, teħel multa bejn ħamest elef ewro (€5,000) u tmenin elf ewro (€80,000) u/jew terminu ta' priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

Flimkien maż-żieda proposta hawn aktar 'il fuq, mal-multi u termini ta' priġunerija, l-abbozz propost jipprovdi wkoll għar-revoka ta' liċenzi, permessi jew awtorizzazzjonijiet li jistgħu jkunu nħarġu taħt l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jew kull regolament magħmul taħtu. B'mod notevoli, l-emendi proposti jagħtu possibbiltà lill-qorti kompetenti sabiex tirrevoka kull permess maħruġ għall-operat ta' attività regolata fil-każ fejn persuna tinstab ħatja ta' reat taħt l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

## 3. KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil tal-Klima flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali qed jipproponi l-pubblikazzjoni ta' abbozz ta' emendi għal skrutinju pre-leġiżlattiv qabel l-artikoli l-ġodda jiġu introdotti formalment lill-Parlament. Qed jiġi adottat dan l-approċċ sabiex jitjieb l-iskrutinju tal-att skont il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-introduzzjoni ta' projbizzjoni tal-użu tal-annimali fiċ-ċirkli u jiġi involut il-pubbliku b'mod aktar effettiv fil-proċess leġiżlattiv fuq kwistjonijiet dwar il-ħarsien xieraq tal-annimali.

Il-partijiet kollha interessati u l-pubbliku ġenerali huma mistiedna li jikkummentaw dwar ir-reviżjonijiet proposti għall-Att tal-2001 dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali. L-informazzjoni hija meħtieġa sal-11 ta' April 2014 u għandha tintbagħat fl-indirizz elettroniku: awconsultation.msdec@gov.mt

**ONO. RODERICK GALDES** B.Plan., M.A. (ISSS), M.A.C.P. M.P.
SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

MARZU 2014